



Brussell, 17 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15523/23

COH 86

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni – <i>Approvazzjoni</i>

1. L-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Presidenza dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni ġie eżaminat fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tat-12, it-23 ta' Ottubru u t-8 u s-16 ta' Novembru 2023. Id-delegazzjonijiet qablu dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.
3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex japprova dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota.

ABBOZZ**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

- (1) IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2022 dwar il-Komunikazzjoni dwar it-8 Rapport ta' Koeżjoni "Il-koeżjoni fl-Ewropa sal-2050" kif ukoll fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2022 dwar il-politika ta' koeżjoni;
- (2) JILQA' l-fatt li l-politika ta' koeżjoni kienet, sa mill-kunċett tagħha, pilastru fundamentali tal-proċess ta' integrazzjoni tal-UE, li jippermetti konverġenza bejn u fi ħdan l-Istati Membri, itejjeb il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tagħha, kif ukoll jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku;
- (3) JENFASIZZA li l-politika ta' koeżjoni għandha tibqa' pilastru ewlieni tal-UE u, għal dan l-għan, għandha żżomm bħala l-uniku objettiv tagħha l-promozzjoni tal-iżvilupp armonjuż ġenerali tal-Unjoni u t-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha, filwaqt li tnaqqas id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma anqas favoriti;

Fost ir-reġjuni kkonċernati, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, lil żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħar-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna u reġjuni insulari, reġjuni transkonfinali u reġjuni muntanjużi;

- (4) JENFASIZZA li l-politika ta' koeżjoni hija politika għar-reġjuni kollha tal-UE, iżda għandu jiġi żgurat appoġġ aktar immirat u adattabbli b'mod partikolari għal dawk inqas żviluppati, li jkomplu jiffaċċaw sfidi strutturali aggravati mix-xokkijiet asimmetriċi multipli tal-kriżijiet reċenti, filwaqt li għad ma għandhomx infrastruttura bażika u aċċess għas-servizzi;

- (5) HUWA KONXJU tal-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, jiġifieri, b'mod partikolari, is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali strutturali tagħhom, aggravata mid-distanza, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija u l-klima diffiċli, il-perikli naturali u d-dipendenza ekonomika tagħhom, li [...] jintensifikaw ir-riskji u l-inugwaljanzi l-ġodda li potenzjalment ser jaffettwaw il-koeżjoni territorjali tal-UE kollha kemm hi. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-possibbiltajiet offruti bl-Artikolu 349 tat-Trattat, u tintegra b'mod sistematiku l-effetti tal-proposti leġiżlattivi futuri tagħha fuq ir-reġjuni ultraperiferiċi bħala kriterju speċifiku u ddedikat, bħala parti mill-valutazzjonijiet tal-impatt rispettivi;
- (6) HUWA KONXJU dwar ir-reġjuni li jsofru minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħar-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna u reġjuni insulari, reġjuni transkonfinali u muntanjużi, u l-ħtieġa ta' dawn ir-reġjuni għal miżuri speċifiċi biex ipattu għal daww l-iżvantaġġi;
- (7) JIRRIKONOXXI li, minkejja l-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni, hemm għadd ta' reġjuni, li jinsabu f'daww li huma deskritti bħala nases tal-iżvilupp, jew f'riskju li jaqgħu f'nassa bħal din, kif enfasizzat fit-tmien Rapport dwar il-Koeżjoni tal-UE. Dawn ir-reġjuni huma kkaratterizzati minn perjodi twal ta' tkabbir bil-mod jew negattiv, bi tkabbir baxx fil-produttività u livelli baxxi ta' ħolqien ta' impjiegi. Barra minn hekk, xi reġjuni jiffaċċaw ir-riskju ta' nases tal-iżvilupp tat-talenti, jiġifieri, sfida kkombinata ta' forza tax-xogħol li qed tonqos u livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni terzjarja. IQIS li l-politika ta' koeżjoni għandha tappoġġa l-istrateġiji reġjonali biex jiġu evitati dawn in-nases;
- (8) JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistudjaw kif għandhom jitkejlu u jiġu evalwati l-ħtiġijiet speċifiċi tat-territorji differenti, sabiex il-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2027 twieġeb aħjar għall-ħtieġa ta' żvilupp armonjuż;
- (9) JIRRIKONOXXI li l-politika ta' koeżjoni hija politika fit-tul, mhux strument ta' kriżi. JENFASIZZA l-azzjoni kruċjali u deċiżiva mill-politika ta' koeżjoni fl-indirizzar tal-kriżijiet reċenti fil-ġlieda kontra l-impatti soċjoekonomiċi negattivi tagħhom u l-evitar tal-aggravament tal-asimmetriji eżistenti. HUWA TAL-OPINJONI li l-qafas regolatorju tal-politika ta' koeżjoni għandu jkun jista' jadatta għal żviluppi ġodda u avvenimenti mhux mistennija, filwaqt li jfakkar fin-natura trasformattiva fit-tul u l-oġettivi strutturali tal-politika ta' koeżjoni;

- (10) IFAKKAR li hemm għadd ta' sfidi ġodda li jaffettwaw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza. Dawn jinkludu x-xejriet demografiċi, il-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi negattivi tiegħu, il-konnettività, it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, l-instabbiltà ġeopolitika fil-fruntieri esterni tal-UE, b'mod partikolari dawk tal-Lvant, jew il-konċentrazzjoni tal-attività u l-popolazzjoni f'żoni urbani kbar, li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod inklużiv u ġust, filwaqt li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. JITLOB lill-Kummissjoni tiżviluppa opzjonijiet bħala parti mid-dibattitu li jmiss dwar il-politika ta' koeżjoni 2027, biex il-politika ta' koeżjoni tipprovdi appoġġ aħjar u aktar immirat għar-reġjuni biex jimmaniġġaw b'suċċess dawk l-isfidi, speċjalment fid-dawl tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-livell differenti ta' żvilupp soċjoekonomiku;
- (11) JIRRIKONOXXI li r-rabta tar-riformi li jsaħħu t-tkabbir ma' investimenti strateġiċi taġixxi bħala forza mexxejja għall-iżvilupp u r-reżiljenza, mhux biss għal kull Stat Membru, iżda wkoll għar-reġjuni kollha tiegħu u b'taġhlumiet li għandhom jittieħdu għall-futur tal-politika ta' koeżjoni f'termini ta' kif jiġu appoġġati r-riformi. JITLOB lill-Kummissjoni tiżviluppa opzjonijiet bħala parti mid-dibattitu li jmiss dwar il-politika ta' koeżjoni wara l-2027 għal politika ta' koeżjoni aktar aġli, effettiva u ffukata bi prijoritajiet ċari, u dwar it-tisħiħ ulterjuri tal-orjentazzjoni tal-investimenti lejn ir-riżultati, kif ukoll it-titjib tar-rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u s-Semestru Ewropew;
- (12) IFAKKAR li l-ġestjoni kondiviża u l-prinċipju tas-sħubija kienu parti integrata tal-politika ta' koeżjoni, li tiggarantixxi sistema ta' governanza f'diversi livelli li tippreserva l-bilanċ fit-teħid tad-deċiżjonijiet bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali, filwaqt li tinvolvi mill-qrib lis-sħab, u b'hekk jinholq sens ta' sjieda tal-programmi u x-xejriet tal-iżvilupp, kif ukoll titrawwem l-appartenenza għall-proġett Ewropew;
- (13) IFAKKAR fl-importanza li jiġi żgurat approċċ ibbażat fuq il-post fit-tfassil u l-programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni;

- (14) JAPPELLA GĦAL sensibilizzazzjoni ġenerali li ma ssir l-ebda ħsara lill-koeżjoni fil-politiki u l-inizjattivi kollha tal-Unjoni. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tagħmel użu wiesa' mill-Valutazzjonijiet tal-Impatt Territorjali filwaqt li tħejji proposti leġiżlattivi sabiex tkopri l-impatti territorjali għat-territorji u r-reġjuni kkonċernati;
- (15) JENFASIZZA l-hteġa li jiġi żgurat li l-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni jiffokaw fuq il-prijoritajiet ta' koeżjoni tal-Unjoni Ewropea filwaqt li jkunu flessibbli għar-realtà tar-reġjuni, filwaqt li jqisu l-ispeċifikitajiet territorjali u l-vulnerabbiltajiet tagħhom;
- (16) JENFASIZZA li hemm għadd ta' piżijiet amministrattivi fil-ġestjoni tal-politika ta' koeżjoni li qed jillimitaw l-effiċjenza tagħha u JINKORAĠĠIXXI l-esplorazzjoni tat-toroq kollha possibbli għas-simplifikazzjoni, inkluż il-possibbiltà li jiġi żviluppat l-hekk imsejjaħ prinċipju ta' awditu uniku;
- (17) JISSOTTOLINJA l-importanza, fil-livelli kollha, ta' governanza tajba u tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-proċess ta' konverġenza u l-effettività tal-politika ta' koeżjoni;
- (18) JAFFERMA MILL-ĠDID li jeħtieġ ukoll li l-isforzi għas-simplifikazzjoni jiggarantixxu standards għoljin għall-prevenzjoni tal-frodi u l-korruzzjoni u l-ġlieda kontribom, u JENFASIZZA l-importanza tal-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni, b'kont meħud tar-Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni;
- (19) JENFASIZZA l-komplementarjetajiet u s-sinerġiji li jeħtieġ li jissaħħu bejn il-politika ta' koeżjoni u politiki u inizjattivi Ewropej rilevanti oħra mill-fażi tat-tfassil tagħhom, sabiex jiżdiedu l-koerenza u l-effettività tagħhom, u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-benefiċjarji; u JITLOB lill-Kummissjoni biex tikkunsidra approċċ aktar strateġiku biex tiżgura tali konsistenza;
- (20) JIEĦU NOTA li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ġiet introdotta bħala strument temporanju biex jiġu limitati l-impatti tal-pandemija tal-COVID-19. JIRRIKONOXXI l-importanza li jitqiesu r-riżultati tal-awditu u l-evalwazzjoni tal-Faċilità biex jinsiltu tagħlimiet f'waqthom mill-prestazzjoni tagħha;

- (21) JISSOTTOLINJA l-importanza u l-opportunitajiet tal-kooperazzjoni transkonfinali, tranżnazzjonali, interreġjonali u tar-reġjuni ultraperiferiċi għall-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom, u JENFASIZZA li l-kooperazzjoni reċiproka tikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-reġjuni u l-integrazzjoni tal-UE; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiffaċilita l-koordinazzjoni operazzjonali tal-Interreg u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali;
- (22) JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib u l-iskambju ta' fehmiet mal-Istati Membri dwar l-elementi ewlenin tad-dibattitu dwar il-politika ta' koeżjoni wara l-2027.
-